# “Madre Margerita: il-Mara tal-Beatitudnijiet”

**(Omelija dwar l-Ispiritwalità tal-Venerabbli Margerita tal-Qalb ta’ Ġesù, Fundatriċi tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta’ Ġesù, li saret minn Dun Ġużepp Gauci waqt il-Qudiiesa ta’ Radd il-Ħajr iċċelebrata minnu stess fil-Knisja tal-“Casa Madre” tal-Kongregazzjoni tagħha, fl-okkażjoni tas-67 Anniversarju mill-mewt tagħha fit-22 ta’ Jannar 2019)**

## Daħla.

Il-Papa Franġisku, fl-Eżortazzjoni Apostolika *“Gaudete et Exsultate”* tad-19 ta’ Marzu tas-sena li għaddiet, għamlilna sejħa speċjali biex nitqaddsu, sejħa li hi qadima daqs l-istess ħolqien tal-bniedem, imma fl-istess ħin hi sejħa dejjem ġdida mhux biss għax Kristu Ġesù saħaq dwarha fil-Vanġelu, imma wkoll għax il-Knisja Omm li tħobbna, dejjem tfakkarna fiha u tgħinna biex ngħixuha. Isimgħu, fost l-oħrajn x’qalilna l-Papa: *“Il-Mulej jitlobna kollox, u dak li joffrilna hu l-ħajja vera, il-ferħ li għalih ġejna maħluqin. Hu jridna qaddisin u jistenna minna li ma nikkuntentawx ruħna b’ħajja ta’ nofs kedda u medjokri... Fir-realtà, sa mill-ewwel paġni tal-Bibbja nsibu, b’ħafna modi, is-sejħa għall-qdusija. Hekk ipproponieha l-Mulej lil Abram: “Imxi quddiemi u kun perfett” (Ġen 17:1)”.*(G. E., 1). U jkompli: *“L-Ittra lil-Lhud issemmi bosta xhieda li jagħmlulna l-qalb biex “nibqgħu niġru t-triq tal-prova li għandna quddiemna” (12:1)... u fuq kollox aħna mistednin nagħrfu li “għandna madwarna sħaba hekk kbira ta’ xhieda” (12:1) li jixprunawna biex ma niqfux f’nofs ta’ triq, iħeġġuna nissoktaw mexjin lejn id-destinazzjoni. U fost dawn jista’ jkun hemm l-istess ommna, nanna tagħna jew qraba oħra (ara 2 Tim 1:5)”* (G.E.,3). Hu nteressanti li l-Papa jsemmi wkoll: *“Fost il-bosta xorta, nixtieq nisħaq li anki l-“ġenju femminili” jidher fi stili femminili ta’ qdusija, indispensabbli biex il-qdusija ta’ Alla tiġi riflessa f’din id-dinja. U proprju anki fi żminijiet meta n-nisa fil-parti l-kbira tagħhom kienu jitħallew barra, l-Ispirtu s-Santu qajjem qaddisin nisa li l-faxxinu tagħhom qanqal dinamiżmi spiritwali ġodda u riformi importanti fil-Knisja”*(G.E., 12). Dan hu dak li rridu ngħidu fl-okkażjoni tal-lum, billi nisimgħu b’attenzjoni l-istediniet tal-Venerabbli Fundatriċi, Margerita tal-Qalb ta’ Ġesù, waħda minn dan *“il-ġenju femminili”* li jsemmi l-Papa. Isimgħuha ftit minn xi ittri tagħha: *“Ejjew ningħataw għal kollox biex nitqaddsu* (L.164)... *qaddishom kollha bl-imħabba ewkaristika u bl-imħabba msallba* (L. 120)... *jeħtieġ tistinkaw tassew biex issiru qaddisin* (L.73)... *nirrikkmandalkom bil-ħeġġa kollha li tagħmlu kull ma tistgħu biex titqaddsu* (L.112).

Meta mbagħad il-Papa jfisser dak li hi l-qdusija li għaliha qed jistedinna u li dehret f’dawn il-persuni kollha li semmielna, jgħid: *“Jista’ jkun hemm bosta teoriji fuq x’inhi l-qdusija, mimlija tifsir u distinzjonijiet. Riflessjoni bħal din tista’ tkun siewja, imma xejn ma jdawwalna iktar milli nerġgħu lura għall-kliem ta’ Ġesù u nagħrfu kif hu għaddielna din il-verità. Ġesù fissrilna b’sempliċità kbira xi jfisser inkunu qaddisin, u dan għamlu meta ħallielna l-Beatitudnijiet (ara Mt 5:3-12; Lq 6:20-23). Huma bħall-karta tal-identità tan-Nisrani. Hekk, jekk xi ħadd minna kellu jistaqsi: “Kif nagħmel biex inkun Nisrani tajjeb?”, it-tweġiba tkun sempliċi: hemm bżonn li,*

*kull wieħed bil-mod tiegħu, jagħmel dak li jgħid Ġesù fid-diskors tal-Beatitudnijiet."*(G.E.,63] U jkompli: *"Il-kelma "hieni" u "mbierek" issir sinonimu ta' "qaddis", għax tesprimi kif il-persuna fidila lejn Alla u li tgħix il-Kelma tiegħu tilħaq, fl-għotja tagħha nfisha, il-veru ferħ"*(G.E., 64).

**Madre Margerita.**

Għalhekk illum, waqt li qegħdin niċċelebraw b'radd il-ħajr is-67 Anniversarju mill-mewt tal-Venerabbli Margerita li ġrat hawnhekk fil-"Casa Madre" tal-Kongregazzjoni tagħha, filgħodu kmieni fit-22 ta' Jannar 1952, ejjew nisimgħu lilha tgħallimna fil-prattika kif bħalha nagħmlu tagħna t-triq tal-Beatitudnijiet, ħalli fuq l-eżempju tagħha nimxu bla waqfien fit-triq ta' qdusija vera skont it-tagħlim li ħallielna l-Papa Franġisku fil-*"Gaudete et Exsultate",* u ngħixu tassew l-istedina qawwija tiegħu meta qalilna: *"Ħa nerġgħu nisimgħu lil Ġesù, bl-imħabba u r-rispett kollu li jixraqlu l-Imgħallem. Inħalluh jolqotna bil-kelmiet tiegħu, jipprovokana, isejħilna mill-ġdid għal bidla vera f'ħajjitna. Inkella l-qdusija tibqa' biss kelma. Induru issa biex niftakru f'kull waħda mill-Beatitudnijiet kif insibuhom fil-verżjoni tal-evanġelju ta' Mattew (ara 5:3-12)*(G.E., 66). Flimkien ma' kliem il-Papa, ejjew ukoll, illum nisimgħu l-eżortazzjonijiet prattiċi li tagħmlilna l-Venerabbli Fundatriċi dwar din it-triq tal-qdusija, li, minħabba fihom lilha nistgħu nsejħulha bir-raġun kollu **"Il-Mara tal-Beatitudnijiet".**

**Il-Beatitudnijiet.**

***1."Henjin il-foqra fl-ispirtu, għax tagħhom hija s-Saltna tas-Smewwiet".*** Il-Papa qalilna: *"L-Evanġelju jistedinna nagħrfu l-verità tal-qalb tagħna, biex naraw fejn qegħdin inqiegħdu ċ-ċertezzi ta' ħajjitna. Normalment l-għani jħossu fiż-żgur bl-għana tiegħu, u jaħseb li meta dan il-ġid ikun fil-periklu, it-tifsira kollha ta' ħajtu fuq din l-art tiġi fix-xejn. Ġesù nnifsu qalhulna dan fil-parabbola tal-għani iblah, meta tkellem fuq dak ir-raġel li tant kien ċert minnu nnifsu li, bħal wieħed iblah, ma ħasibx li seta' jmut dakinhar stess (ara Lq 12:16-21)"*(G.E., 67). Kien eżattament minħabba dan li l-Venerabbli Fundatriċi kienet tinsisti li s-Sorijiet tagħha *"jiggustaw il-ħlewwiet taċ-ċaħdiet, huma u jimitaw lill-ħelu Ġesù tagħna li għaraf jiċċaħħad minn dak li hu l-aktar meħtieġ għall-ħajja"*(L.145). Meta b'ċerta nostalġija ftakret fl-ispirtu ta' faqar li għexu hi u l-ewwel Sorijiet meta daħlu fid-Dar tal-Adorazzjoni, kitbet: *"X'ferħ, f'paċi iggustajna fiċ-ċaħdiet u 'l bogħod mill-ħsejjes u l-istorbji! Tassew ħassejna li qegħdin f'Betlem"*(L.126). Kien minħabba dan l-ispirtu ta' faqar fl-ispirtu li Madre Margerita kellha fidi kbira fil-Providenza Divina li, kif kitbet, *"turina l-ħarsien li għandha f'uliedha li b'tenerezza jafdaw fiha"*(L.68). Għalhekk il-Papa qalilna: *"Ġesù jsejjaħ hienja lill-foqra fl-ispirtu, li għandhom qalb fqajra, fejn jista' jidħol il-Mulej bil-ġdid dejjiemi tiegħu"*(G.E.,68).

***2."Henjin ta' qalbhom ħelwa, għax huma jkollhom b'wirthom l-art".*** Il-Papa jfisser: *"Hi espressjoni qawwija, f'din id-dinja li sa mill-bidu kienet imkien ta' ġlied, fejn kullimkien issib min jeħodha kontra xulxin, fejn minn kullimkien tinbet il-mibegħda, fejn il-ħin kollu nikklassifikaw l-*

*oħrajn minħabba fil-fehmiet tagħhom, id-drawwiet tagħhom, u saħansitra l-mod ta' kif jitkellmu u jilbsu. Insomma, din hi s-saltna tal-kburija u tal-vanità, fejn kulħadd jaħseb li għandu l-jedd jerfa' rasu fuq l-oħrajn. Madankollu, jidher kemm jidher impossibbli, Ġesù jipproponi stil ieħor: il-qalb ħelwa. Dan hu dak li għex hu mad-dixxipli tiegħu u li nikkontemplaw fid-daħla tiegħu Ġerusalemm: "Ara, is-Sultan tiegħek ġej għandek, ġwejjed, riekeb fuq ħmara u fuq felu, ferħ ta' bhima tat-tagħbija" (Mt 21:5; ara Żak 9:9)... Hu qalilna: "Tgħallmu minni, għaliex jiena ta' qalb ħelwa u umli, u intom issibu l-mistrieħ għal ruħkom" (Mt 11:29)"*(G.E.,71u72). Il-Fundatriċi li tant kienet tittratta ma' l-oħrajn bi spirtu ta' tenerezza u ġentilezza, kienet tixtieq li wliedha jeżerċitaw *"spirtu kollu kemm hu serafiku u evanġeliku"*(L.85), kienet tissuġġerixxi *"umiltà fil-ħsibijiet, umiltà fir-raġunar, u umiltà fl-għemejjel"*(LV.17), u fuq kollox, *"inħeġġiġkom biex tkunu aktar umli, sottomessi, aktar kompassjonevoli għall-miżerji umani li ħadd mhu mingħajrhom"*(LV8). Naħseb li dawn il-virtujiet li semmiet il-Fundatriċi huma ġabra tal-**manswetudni** li jrid Kristu, u ta' dak li jrid il-Papa meta qal: *"Li nwieġbu bi ħlewwa umli, din hi l-qdusija"*(G.E.,74).

***<u>3. "Henjin l-imnikkta, għax huma jkunu mfarrġa".</u>*** Il-Papa jfisser din il-Beatitudni hekk: *"id-dinja tridna nagħmlu bil-maqlub: id-divertiment, it-tgawdija, id-distrazzjoni, ix-xalar, u tgħidilna li dan hu li jagħti kwalità lill-ħajja. Il-bniedem tad-dinja jinjora, idawwar wiċċu n-naħa l-oħra meta jinqalgħu problemi ta' mard jew ta' tbatija fil-familja jew madwaru. Id-dinja ma tridx tibki: tippreferi tagħlaq għajnejha għas-sitwazzjonijiet ta' tbatija, tgħattihom, tostorhom. Naħlu ħafna enerġiji nippruvaw naħarbu mis-sitwazzjonijiet fejn niġu wiċċ imb wiċċ mat-tbatija, għax naħsbu li possibbli naħbu r-realtà, meta qatt, qatt mhu ħa jonqos is-salib"*(G.E.,75). Il-Fundatriċi kienet tħoss il-ħtieġa tan-niket, tat-tbatija fil-ħajja għax kif kitbet f'waħda mill-ittri: *"It-twajjeb Ġesù tagħna, ġie gglorifikat wara li għadda minn tbatijiet bla tarf. Hekk ukoll aħna, bħala għarajjes tiegħu, nistgħu nittamaw li mmorru fejnu għal dejjem fil-ġenna sabiħa tiegħu, wara li nkunu għixna fin-niket ta' dan il-wied tad-dmugħ"*(L.165). Kienet ukoll dejjem lesta għat-tbatija, kif kitbet lil waħda mis-sorijiet tagħha: *"Inħoss għatx kbir għat-tbatijiet, tant li dawk li għaddejja minnhom bħalissa jidhirli li huma ftit wisq biex nikkuntenta lil Ġesù tiegħi"*(L.148). Il-Papa jaqbel ħafna ma' dan il-ħsieb tal-FundatriċI; *"Il-persuna li kapaċi tħalli t-tbatija tinfidha u tibki fil-qalb tagħha, għandha l-ħila tmiss il-profondità tal-ħajja u tkun tassew hienja"*(G.E.,76).

***<u>4. "Henjin dawk li huma bil-ġuħ u l-għatx tal-ġustizzja, għax huma jkunu mxebbgħin".</u>*** Il-Papa jurina għal-liema ġustizzja jeħtieġ inkun mġewwħa u għatxana. *"Il-"ġuħ u l-għatx" huma esperjenzi qawwija ħafna, għax iwieġbu għal ħtiġijiet primarji u huma marbuta mal-istint li hemm fil-bniedem li jsib mod kif jibqa' jgħix. Hemm persuni li b'din l-istess qawwa jixxennqu għall-ġustizzja u jfittxuha b'ħerqa kbira ħafna"*(G.E.,77)... *"Imma l-ġustizzja li jipproponi Ġesù mhijiex bħal dik li tfittex id-dinja, ħafna drabi mtappna b'interessi msejkna, immanipulata minn naħa u mill-oħra. Ir-realtà turina kemm hu ħafif li nsibu ruħna fix-xbieki tal-korruzzjoni, insiru parti minn dik il-politika ta' kuljum ta' "nagħti biex jagħtuni", fejn kollox sar kummerċ. U kemm nies ibatu minħabba l-*

*inġustizzji, kemm hemm li josservaw, bla ma jistgħu jagħmlu xejn, lill-oħrajn jaqsmu bejniethom wieħed wara l-ieħor il-kejk tal-ħajja. Xi wħud ma jridux jitqabdu għall-vera ġustizzja u jagħżlu li jirkbu l-karru tar-rebbieħa. Dan xejn m'għandu x'jaqsam mal-ġuħ u l-għatx tal-ġustizzja mfaħħar minn Ġesù*(G.E.,78)... *Din il-ġustizzja tibda titwettaq fil-ħajja ta' kull wieħed u waħda minna meta nkunu ġusti fid-deċiżjonijiet tagħna, u mbagħad tesprimi ruħha fit-tfittxija tal-ġustizzja għall-foqra u d-dgħajfa"*(G.E.,79). Il-Venerabbli Margerita kemm-il darba fissret fl-ittri tagħha, il-ġuħ u l-għatx li kellha għal Alla, għat-tixjin tagħha nfisha, għas-salvazzjoni ta' l-erwieħ, f'kelma waħda l-ġuħ u l-għatx għall-ġustizzja li jsemmi Kristu f'din il-Beatitudni. Isimgħu ftit xi siltiet mill-ittri tagħha: *"Il-leħen tal-Maħbub kultant iwassalni biex inħoss għatx kbir, ġuħ kbir għal Alla tliet darbiet qaddis; dan iwassalni biex inbati ħafna bħal waħda fl-agunija"*(L.34). Darb'oħra: *"Inħoss ukoll ġuħ għall-umiljazzjonijiet, biex ninħeba, biex nixxejjen. Irrid tassew nintemm, nintilef, nixxejjen għal dejjem"*(L.30). F'ittra oħra stqarret: *"Inħoss għatx klubi għall-erwieħ: iva, inħossni tassew ninħaraq..."*(L.7). Nistgħu ngħidu li dawn is-sentimenti ta' ġuħ u għatx li kienet tesperimenta l-Fundatriċi jaqblu ma' dak li fisser il-Papa Franġisku meta kiteb: *"Bla dubju, il-kelma "ġustizzja" tista' tkun sinonima mal-fedeltà li b'ħajjitna kollha nuru lejn ir-rieda ta' Alla"*(G.E.,79).

***<u>5. "Henjin dawk li jħennu, għax huma jsibu ħniena".</u>*** Imma xi kwalità ta' ħniena? Iwieġeb il-Papa: *"Il-ħniena għandha żewġ aspetti: tfisser tagħti, tgħin, taqdi lill-oħrajn u anki taħfer, tifhem. Mattew jiġbor dan f'regola tad-deheb: "Dak kollu li tridu li l-bnedmin jagħmlu lilkom, agħmluh ukoll intom lilhom" (7:12).*(G.E.,80)... *Meta nagħtu minn dak li hu tagħna u naħfru lill-oħrajn, inkunu nippruvaw nerġgħu nwettqu f'ħajjitna rifless ċkejken tal-perfezzjoni ta' Alla, li jqassam u jaħfer b'kotra bla tarf. Il-kejl li nużaw biex nifhmu u naħfru, jintuża biex jinħafer lilna. Il-kejl li nużaw biex nagħtu, jintuża magħna fis-Sema bħala ħlas. Ma jaqblilniex ninsewh.* (G.E.,81*)... Ġesù ma jgħidx "Henjin dawk li jfasslu l-vendetta", imma jsejjaħ hienja lil dawk li jaħfru u jagħmlu dan "sa sebgħa u sebgħin darba" (Mt 18:22). Tajjeb niftakru li aħna lkoll eżerċtu ta' maħfura. Il-ħniena ta' Alla ħarset lejna lkoll. Jekk b'sinċerità nersqu lejn il-Mulej u nirfinaw is-smigħ tagħna, aktarx xi darba se nisimgħu din iċ-ċanfira: "Ma kienx imissek int ukoll tħenn għal sieħbek kif ħennejt jien għalik?" (Mt 18:33)"*(G.E.,82). Kif qal il-Papa, Madre Margerita riedet li tkun rifless tal-ħniena ta' Alla, tant li darba fissret dix-xewqa tagħha billi kitbet: *"irrid ninħeba fil-fond tal-abbiss tat-tjubija nfinita tal-Kollox tagħna"*(L.16), filwaqt li kienet spiss ittenni l-istedina: *"inxteħet f'dak l-Oċejan ta' tjubija bil-persważjoni intima li tkun milqugħa sewwa."*(L.155). Għalfejn riedet li tinħeba fl-*"abbiss tat-tjubija"*u li ħaddieħor jinxteħet *"f'dak l-Oċejan ta' tjubija"* ? Biex kif kienet spiss tfisser lill-oħrajn: *"nerfgħu t-toqol ta' xulxin"*(L.67), *"nistabru b'xulxin fid-difetti ta' kuljum"*(L.V2), *"nagħmlu kuraġġ lil xulxin"*(L.V4), *"nissagrifikaw ruħna għal xulxin mingħajr ma nagħtu każ ta' dak li jissuġġerielna l-kiefer amor proprju"*(L.V10). F'kelma waħda: il-Fundatriċi riedet li kif għamlet hi, nittieħdu sewwa mill-ħniena tat-tjubija bla tarf ta' Alla, ħalli aħna wkoll insiru ħniena. Kemm jaqbel dan li riedet il-Fundatriċi, ma dak li għallem il-Papa: *"Tajjeb niftakru li aħna lkoll eżerċtu ta' maħfura. Il-ħniena ta' Alla ħarset lejna lkoll. Jekk b'sinċerità nersqu lejn il-Mulej u nirfinaw*

*is-smigħ tagħna, aktarx xi darba se nisimgħu din iċ-ċanfira: "Ma kienx imissek int ukoll tħenn għal sieħbek kif ħennejt jien għalik?" (Mt 18:33)"*(G.E.,82).

***6. "Henjin dawk li huma safja f'qalbhom, għax huma jaraw 'l Alla".*** Il-Papa jfisser bil-mod sempliċi tiegħu: *"Din il-beatitudni tirreferi għal min għandu qalb sempliċi, safja, bla tindisa, għax qalb li taf tħobb ma tħallix tidħol fil-ħajja tagħha xi ħaġa li thedded dik l-imħabba, li ddgħajjifha jew li tqegħidha fil-periklu. Fil-Bibbja, il-qalb hi l-veri intenzjonijiet tagħna, dak li tassew qed infittxu u nixtiequ, lil hemm minn dak li nuru minn barra: "Għax il-Mulej ma jarax bħalma jara l-bniedem, dak biss li jidher fl-għajn, imma l-qalb" (1 Sam 16:7). Hu jfittex jitkellem magħna fil-qalb tagħna (ara Hos 2:16) u fuqha jixtieq inaqqax il-Liġi tiegħu (ara Ġer 31:33). Hu żgur jixtieq jagħtina qalb ġdida (ara Eżek 36:26)*(G.E.,83)... *Xejn minn dak li hu mtappan bil-falzità ma għandu valur quddiem il-Mulej. Hu "jaħrab minn quddiem il-qerq, u jwarrab minn fejn hemm ħsibijiet bla sens" (Għerf 1:5). Il-Mulej, li "jara dak li hu fil-moħbi" (Mt 6:6), jagħraf ħaġa li mhix nadifa, jiġifieri mhix sinċiera, imma hi biss qoxra u apparenza, l-istess kif l-Iben jaf "x'hemm fil-bniedem" (Ġw 2:25)"*(G.E.,84). Il-ħsieb dwar *"qalb safja"* li hemm f'din il-Beatitudni hu wieħed mill-ħsibijiet ewlenin fl-ispiritwalità tal-Venerabbli Fundatriċi. Infatti l-awguri spissi tagħha kienu: *"Żomm qalbek dejjem safja, mimlija b'imħabba lejn l-Għarus Ġesù"*(L.160); *"imħabba biss, imħabba safja, imħabba, imħabba"*(L.107); *"jeħtieġ ngħassu bis-serjetà u bil-ġenerożità ħalli nħejju qalb retta u safja għat-tieġ ma' l-Għarus bla tebgħa"*(L.42); *"il-korrispondenza vera tikkonsisti fl-imħabba safja ta' għarajjes veri u qaddisa"*(L.75). Madre Margerita kienet tfisser ukoll b'mod prattiku x'kienet tifhem b'qalb safja u kif setgħet tiġi ffurmata qalb bħal din. Isimgħuha ftit: *"Jeħtieġ nikkumbattu , immutu dejjem, dejjem nixxejnu... u b'hekk naslu għall-qerda tal-jien uman u għall-kisba ta' l-Imħabba divina! Imbagħad iva, tassew, ir-ruħ tkun tista tkanta il-Fiat ħelu u għażiż ta' l-imħabba safja... Nitolbu, nitolbu għal xulxin biex il-ħelu Ġesù tagħna jagħmilna denji li naslu għal dan il-għan tant mixtieq"*(L.88). Il-Papa Franġisku ġabar fil-qosor din il-ħidma tant importanti biex titrawwem qalb safja, meta qal:*"Li nżommu 'l qalbna safja minn dak kollu li jtappan l-imħabba, din hi l-qdusija"*(G.E.,86).

***7. "Henjin dawk li jġibu l-paċi, għax huma jissejħu wlied Alla".*** Araw, x'qalilna l-Papa dwar din il-Beatitudni: *"Din il-beatitudni ġġagħalna naħsbu fl-għadd ta' sitwazzjonijiet ta' gwerra li naraw jirripetu ruħhom quddiemna. Iżda għalina hi ħaġa komuni ħafna li nkunu kawża ta' ġlied jew tal-inqas ta' nuqqas ta' ftehim. Ngħidu aħna, meta nħoss xi ħaġa fuq xi ħadd u mmur għand xi ħadd ieħor u ngħidhielu; u forsi wkoll noħloq verżjoni oħra li tkun iktar wiesgħa u nxerridha. U iktar ma jirnexxieli nagħmel ħsara, donnu iktar nikseb sodisfazzjon. Id-dinja tat-tqassis, magħmula minn persuni li jgħaddu l-ħin imaqdru u jeqirdu, ma tibnix il-paċi. Pjuttost dawn il-persuni huma għedewwa tal-paċi u bl-ebda mod ma jissejħu henjin* (G.E.,87)... *Dawk li jġibu l-paċi huma għejun ta' paċi, jibnu l-paċi u l-ħbiberija soċjali"*(G.E.,88). Il-Venerabbli Margerita kellha ħafna għall-qalbha l-paċi, tant li kienet tirreferi għaliha b'aġġettivi speċjali, bħal: *"nirrikkmandalkom il-paċi l-*

*aktar safja"* (L.69); *"fis-sagrifiċċji ssibu l-paċi safja"*(L.140); *"għixu dejjem fil-paċi mqaddsa, aqdu lill-Mulej bil-ferħ"*(L.V15). F'waħda mill-ittri miktubin wara xi żjara kanonika tagħha bħala Superjura Ġenerali, fissret ruħha b'sentimenti ta' ferħ: *"Ħassejtni tassew ferħana nara li taqblu ma' xulxin u tgħixu f'għaqda mqaddsa. Li kien it-twajjeb Ġesù iżommkom f'dan l-istat hieni li jġib fid-dar u fil-qlub, il-ferħ tal-paċi mqaddsa"*(L.V15). Spiss, bħalma jagħmel il-Papa, kienet tirreferi għall-għedewwa tal-paċi fost il-komunitajiet insara. Isimgħu ftit: *"nirrikkmandalkom li tkunu aktar magħqudin, filwaqt li tgħinu lil xulxin fil-virtujiet iż-żgħar u tagħdru lil xulxin fid-difetti ta' kuljum tagħkom"*(L.V2); *"nixtieq bil-ħeġġa kollha li qatt ma titkellmu dwar id-difetti ta' xulxin"*(L.V9); *"kunu lkoll qalb waħda u ruħ waħda; issagrifikaw ruħkom għal xulxin mingħajr ma tagħtu każ ta' dak li jissuġġerilkom il-kiefer amor proprju"*(L.V10); *"inħeġġiġkom biex turu rispett, imħabba u ubbidjenza lejn l-awtorità, imħabba komuni lejn sħabkom, ħlewwa u qalb twajba lejn dawk iżgħar minnkom"*(L.V17). Il-Papa fakkarna li: *"Il-Kelma ta' Alla tħeġġeġ lil kull min jemmen, biex flimkien mal-oħrajn ifittex il-paċi (ara 2 Tim 2:22)"*(G.E.,88). Nistgħu ngħidu li l-kelma tal-Fundatriċi taqbel eżattament ma' dak li trid il-Kelma ta' Alla.

<u>*8. "Henjin dawk li huma ppersegwitati minħabba s-sewwa, għax tagħhom hija s-Saltna tas-Smewwiet".*</u> Il-Papa jfisser: *"Ġesù nnifsu jisħaq li din il-mixja hi kontra l-kurrent sal-punt li tagħmel minna persuni li b'ħajjithom stess jisfidaw lis-soċjetà, persuni li jagħtu fastidju. Ġesù jfakkar kemm nies huma ppersegwitati u ġew ippersegwitati sempliċiment għax issieltu għall-ġustizzja, għax għexu l-impenji li ħadu ma' Alla u mal-oħrajn. Jekk ma nixtiqux li nispiċċaw mgħarrqa f'medjokrità mudlama, ejja ma nippretendux li jkollna ħajja komda, għax "min irid isalva ħajtu, jitlifha" (Mt 16:25)*(G.E.,90)... *Biex ngħixu l-Evanġelju, ma nistgħux noqogħdu nistennew li kollox madwarna jkun favurina, għax ħafna drabi l-ambizzjonijiet tal-poter u l-interessi tad-dinja jkunu qed jilagħbu kontrina"*(G.E.,91). Biex inkomplu dwar il-ħsieb tal-Papa fuq din l-aħħar Beatitudni, irridu ngħidu li Madre Margerita qatt ma ppretendiet ħajja komda fil-mixja tagħha mill-qrib wara Kristu. Infatti f'ittra ta' l-1892, naqraw: *"Oh! Kemm hu għażiż in-nifs meħud fuq is-siġra tas-salib mal-Maħbub waħdieni ta' qalbna... Oh! Tixjin hieni li fuqu tinbena s-saltna ta' l-imħabba safja. Jekk nemmnu dan, jista' jkun li kull salib ċkejken li jingħatalna ma jkunx ta' ferħ kbir għalina?"*(L.138). Darb'oħra, meta kienet diġa esperimentat il-qilla tal-mard, kitbet: *"Inħossni hienja tassew li nbati. Li kieku taf, għażiża binti, it-toqol sabiħ ta' tbatijiet intimi fiżiċi u morali li minnhom qed jgħaddini l-Mulej biex isaffini! Imma inħossni tassew għatxana għat-tbatija li dan kollu jidhirli li hu ftit ħafna biex nikkuntenta lil Ġesù tiegħi. It-tbatija ftit tiswa għas-salvazzjoni ta' l-erwieħ; imbagħad, hemm ħafna għal x'hiex inpatti!"*(L.148). Hawn ta' min isaqsi: kien hemm xi sitwazzjonijiet partikulari fil-ħajja tal-Venerabbli Margerita li dwarhom nistgħu ngħidu li kkaġunawlha tbatijiet speċjali ? Ma jistax jonqos li kien hemm. Ma nistgħux ma nsemmux il-ġrajja tal-1888 meta b'sejħa mis-sema minn Birkirkara marret Għawdex u salvat il-Kongregazzjoni mill-qerda tagħha u ħadet fuq spallejjha l-piż tal-Kongregazzjoni bil-problemi kollha li kienet għaddejja minnhom dakinhar. Madre Luisa Busuttil li kitbet dwar din il-ġrajja, fissritha bħala *"dak il-waqt ta' tweġħir li fih din l-*

*opra kienet mhedda li tintemm".* Niftakru f'dak li ġara fl-1904, meta Madre Rożalija u l-erba' Kunsillieri tagħha kellhom jirriżenjaw mit-tmexxija Ġenerali tal-Kongregazzjoni għax instab li n-Novizzjat tagħhom kien invalidu għax mhux skont in-normi tal-Liġi Kanonika. Insemmu wkoll il-problemi kbar li nqalgħu meta fl-1907, il-Kongregazzjoni waslet biex tiftaħ l-ewwel dar 'l barra minn Malta, f'Corfù, il-Greċja. Inqalgħu diffikultajtiet ta' natura politika, ta' biża' mhux ġustifikat. Ix-xitan għamel minn kollox biex ifixkel din l-opra qaddisa li sa llum għadha taħdem taħt it-tmexxija tal-Providenza Divina. Iż-żminijiet taż-żewġ gwerer dinjija, dik ta' l-1914-1918 u dik ta' l-1940-1945, kienu żminijiet ta' persekuzzjonijiet intimi għal Madre Margerita mimlijin preokkupazzjonijiet dwar dak li seta' jiġri lis-Sorijiet tagħha fi żminijiet tant koroh. Imbagħad, ma rridux inħallu barra ż-żmien tal-marda tagħha, żmien li fih kif kitbet hi stess kien tħossha mtaqqla minn*,"tbatijiet intimi fiżiċi u morali li minnhom qed jgħaddini l-Mulej"*(L.148), żmien li kellu bidu fid-dar tax-Xagħra fl-1940 u ntemm bil-mewt tagħha hawn fil- "Casa Madre" f'Jannar 1952, 67 sena ilu. F'dan iż-żmien twil, imtaqqla mill-mard, kienet tħossha, kif kitbet hi stess f'ittra tal-1941: *"inħossni nistħi mill-istess għeżież sorijiet tiegħi li jarawni ma nista' nagħmel xejn; imma nifraħ bil-miżerja li fiha ninsab, lanqas nista' naqdi lili nnifsi. Nibża li nkun tassew piż għal kulħadd, l-aktar għas-superjuri, li tant huma ħaljin ma' waħda ċkejkna u ndenja"*(L.40). Quddiem din il-kwalità ta' persekuzzjonijiet, Il-Venerabbli Margerita qatt ma tilfet il-kuraġġ u l-fiduċja fil-ħarsien tal-Providenza, għax kienet aktar minn ċerta li l-opri qaddisa jeħtieġ jgħaddu mill-prova biex jiksbu l-marka ta' l-awtentiċità tagħhom. Fuq kollox kienet persważa li *"nistgħu nittamaw li mmorru għal dejjem ħdejn it-twajjeb Ġesù fil-ġenna sabiħa tiegħu wara li nkunu esperimentajna t-tbatija f'dan il-wied tad-dmugħ"*(L.165). Hekk għalimna l-Papa: *"Li nilqgħu ta' kuljum it-triq tal-Evanġelju minkejja l-problemi li toħolqilna, din hi l-qdusija"*(G.E.,94).

Iva, it-triq tal-Evanġelju hi t-triq tal-qdusija. U l-Papa jkompli jgħidilna: *"li nkunu qaddisin ma jfissirx nillustraw għajnejna f'taparsi estasi... It-test ta' Mattew 25:35-36 "mhuwiex biss stedina għall-imħabba: hija paġna ta' Kristoloġija li titfa' raġġ ta' dawl fuq il-misteru ta' Kristu"*(G.E.,96). *Quddiem il-qawwa ta' dawn it-talbiet ta' Ġesù, inħossu dmir tiegħi nitlob lill-Insara jaċċettawhom u jilqgħuhom bi ftuħ il-qalb sinċier, "sine glossa", jiġifieri mingħajr kummenti, mingħajr artikulazzjoni ta' ħsibijiet u skużi li jisirqulhom il-qawwa tagħhom. Il-Mulej ħallielna ċar ħafna li l-qdusija ma nistgħux nifhmuha u lanqas ngħixuha jekk nitbiegħdu minn dawn l-esiġenzi tagħha"*(G.E.,97)

**<u>Għeluq.</u>**

Dan hu li għallmitna l-Venerabbli Fundatriċi llum f'dan l-Anniversarju ta' mewtha: kif ngħixu *"sine glossa"* l-identità ta' Kristu, l-identità tagħna Kristjani, il-Vanġelu tal-Beatitudnijiet, il-Kristoloġija awtentika. Jekk infittxu f'dak li ħallewlna miktub t-Tejoloġi fil-*"Positio",* id-Dokument uffiċjali li tressaq lill-Kongregazzjoni tal-Qaddisin f'Ruma u li wassal biex il-Papa

Franġisku, fis-27 ta' Jannar 2014, approva l-erojċità tal-virtujiet ta' Madre Margerita, ninnutaw kif ilkoll enfasizzaw il-kristoċentriċità tal-ispiritwalità tagħha.

Fl-*"Informatio super virtutibus",* fost l-oħrajn insibu żewġ kummenti ta' siwi kbir għal dak li qed ngħidu u se nikkwotahom bit-Taljan kif inkitbu: *"Non c'è lettera che non lasci trapelare la sua mistica sete di unione e di conformità a Cristo",* kif ukoll: *"L'intimità con Cristo diventava in lei vera comunione di vita"*. Fil-kummenti ta' l-ewwel teologu ċensur, naqraw: *"Cristo occupa il posto centrale nell'animo e nella vita di Madre Margherita perchè per lei è davvero il Tutto, l'Unico, il Solo: nulla e nessuno può prendere il suo posto"*. It-tieni teologu ċensur, fost l-oħrajn, ikkummenta: *"La spiritualità di Madre Margerita fin dall'inizio era fondamentalmente cristocentrica e si è sempre sviluppata nella stessa direzione".* Minn dawn it-tliet kummenti ta' siwi kbir meħudin mid-dokument uffiċjali tal-Kongregazzjoni tal-Qaddisin hemm biżżejjed tagħrif dwar il-Bejatitudnità ta' Madre Margerita. *"La sua sete di unione e di conformità a Cristo", "L'Intimità con Cristo diventava vera comunione di vita",* u *"Cristo occupa il posto centrale nell'animo e nella vita di Madre Margherita",* kif ukoll: *"La spiritualità di Madre Margherita era fondamentalmente cristocentrica",* huma stqarrtijiet qawwija biżżejjed li juruna kif il-Venerabbli Margerita għamlet tagħha, libset għal kollox, l-identità ta' Kristu kif hu stess fissirha fil-Beatitudnijiet tiegħu, u kif illum irnexxielna naraw lilha stess tħeġġiġna biex ngħixuhom fil-prattika.

F'xi okkażjonijiet, Madre Margerita fissret b'mod sempliċi x'kienu l-beatitudnijiet li lilha kienu jagħmluha tassew *"hienja"*, beatitudnijiet mnebbħin minn dawk ta' Ġesù Kristu stess. Isimgħuha ftit: *"Imkierku dak iż-żmien li matulu għixna għad-dell tal-preżenza reali tal-Ostja bla tebgħa (fid-Dar tal-Adorazzjoni). Qawwiena bil-qawwa tiegħu. Ħa ħsiebna u ħbiena taħt ġwenħajh"*(L.111). Darb'oħra: *"Nithennew aktar bin-niket milli bil-ferħ, aktar bit-tbatija milli bit-tgawdija"*(L.170). F'ittra tal-1892 naqraw: *"Nithennew tassew b'kull salib ċkejken li jingħatalna"*(L.138). F'ittra lil waħda mis-sorijiet responsabbli mill-formazzjoni tas-sorijiet, naqraw: *"Lis-sorijiet għallimhom jithennew biċ-ċahdiet, biex jimitaw lill-ħelu Ġesù tagħna li ċċaħħad minn dak kollu li hu meħtieġ għall-ħajja"*(L.145).

Inkunu qed niċċelebraw fl-ispirtu u l-verità dan is-67 Anniversarju mill-mewt qaddisa tal-Venerabbli Fundatriċi jekk niddeċiedu li bħalha jeħtieġ nimxi tassew fit-triq tal-Beatitudnijiet biex l-identità personali tagħna tkun imfassla fuq dik ta' Kristu, kif kienet tagħha. Nitolbuha tidħol għalina biex bħalha nsiru Kristjani fil-veru sens tal-Kelma. *"Madre Margerita kun int li tqarribna iżjed lejn Kristu biex bħalek nagħtu xhieda għalih billi ngħixu l-ispirtu tal-Beatitudni kif għamilt int. Ammen".*

^^^^^^^^^^^^^^^^^^^^^^^^^^^^^^^^^^^^^^^^^^^^^^^^^^^^^^^^^^

# Talba tal-Fidili

Aħna u nfakkru s-seba' u sittin anniversarju tal-mewt tal-Fundatriċi, il-Venerabbli Margerita tal-Qalb ta' Ġesù, imnebbħin minn dak li għallimna l-Papa Franġisku dwar il-Beatitudnijiet tal-Vanġelu fl-Eżortazzjoni Apostolika tiegħu *"Gaudete et Exsultate"*, ejjew nitolbu lill-Mulej Alla jsawwab fuqna ftit mill-ispirtu qaddis li sawwab f'qalb il-Venerabbli Fundatriċi, biex aħna u nifhmu l-ħtiega ta' qdusija vera, nimxu fit-triq li twassalna għaliha.

1. Mulej, Alla li tista' kollox, int żejjint lill-Knisja tiegħek b'għadd kbir ta' qaddisin li għax imxew fuq it-tagħlim ta' Ġesù Kristu Sidna waslu għall-hena veru li ma jintemm qatt: mexxi lilna wkoll f'din it-triq tal-qdusija, nitolbu,
2. Mulej, Sid is-sema u l-art, fost dawn kollha int għażilt lil Madre Margerita, iffurmajtha skont l-ispirtu tal-Beatitudni, u kabbartha fil-qdusija: agħmel, jekk hi r-rieda tiegħek, li ma jdumx ma jingħatalna sinjal mis-sema li jwassal għall-Beatifikazzjoni tagħha, nitolbu,
3. Mulej, għajn ta' kull imhabba, int ridt li Madre Margerita tistinka għall-qdusija u tħeġġeġ lill-ulied spiritwali tagħha biex jagħmlu bħalha: għallimna lkoll kif ngħixu dil-qdusija, skont kif għallmitna hi, nitolbu,
4. Mulej, Int issejjaħ lil kulhadd ghall-qdusija u ridt li l-ispirtu tal-Beatitudni jwassalna biex ngħixu din is-sejħa tiegħek: agħmel li bħal Madre Margerita nwieġbu bil-kuraġġ kollu għal dak kollu li int qed titlob minna, nitolbu,
5. Mulej, Int tridna ngħixu l-faqar ta' l-ispirtu, il-manswetudni, il-ħniena, is-safa u l-paċi: għinna nikbru f'dan l-istil ta' ħajja kif għamlet il-Fundatriċi tagħna, nitolbu,
6. Mulej, Fik biss qlubna jsibu l-mistrieħ tagħhom: agħmel li ma nibżgħux nistinkaw għall-ġustizzja, li nilqgħu kull tbatija u li f'ħin in-niket infittxu l-faraġ tiegħek kif għamlet dejjem Madre Margerita, nitolbu,
7. Mulej, minnek tibda kull ħidma għall-ġid: agħmel li nimxu fuq il-passi ta' Madre Margerita biex imħeġġin b'imħabbtek nimxu dejjem fit-triq tal-qdusija li wrejtna int u li fissritilna sewwa l-Venerabbli Fundatriċi tagħna, nitolbu,

Mulej Alla li fdejtna permezz ta' Kristu Ibnek u li ridt tibqa' magħna bil-preżenza tiegħu fl-Ewkaristija, agħmel li mgħallmin mill-Fundatriċi, Madre Margerita, nikbru fil-għożża ta' dan is-Sagrament hekk tal-għaġeb, biex imsaħħin u mdawlin bih, ngħixu stil ta' ħajja li jgħinna niksbu l-istess identità tiegħek, ħalli nistgħu naslu għandek. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.